MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 656/2004

**Maltacom p.l.c C22334**

**vs**

**Joseph u Lydia konjugi Borg**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Marzu 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba mija u wiehed u tmenin lira sittin centezmu (Lm781.60) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21692414 installat fil-fond Flat 9 Block A Bini tal-Gvern Triq ic-Cikas Zabbar skond prospett anness markat Dok A u kuntratt relattiv Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' seba mija u wiehed u tmenin lira sittin centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------